MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 840/2005

**Maltacom p.l.c.**
**(C22334)**

**vs**

**Michael Debono**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta’ Maltacom p.l.c. fejn din ippremettiet illi:

Skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom p.l.c.), il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm25, 635.89) in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici skond il-prospetti u applikazzjonijiet hawn annessi u markati bhala “Dok A, Dok B u Dok C”.

Il-konvenut interpellat biex ihallas baqa’ inadempjenti.

Dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli.

Ghaldaqstant, il-konvenut jitlob lil din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm25, 635.89).

Rat id-digriet tat-22 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu il-konvenut inghata ghoxrin jum zmien biex jipprezenta t-twegiba tieghu ghall-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Michael Debono.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lix-xhud prodott.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti tibda biex tinnota li ghalkemm il-konvenut inghata diversi opportunitajiet biex iressaq il-provi tieghu, dan ma ghamel xejn minn dan.

In socjeta’ Maltacom f’din il-kawza qed titlob minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm25, 635.29 bilanc fuq kontijiet relatati ma’ servizzi telefonici li pprovdiet lill-konvenut.

Illi s-socjeta’ attrici rnexxielha tipprova li hi verament hija kreditrici tal-konvenut, u dan kemm permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll permezz tax-xhud minnha prodott.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' Maltacom p.l.c. fis-sens li tiddikjara li s-socjeta' Maltacom hija kreditrici ta' Michael Debono fl-ammont ta' €59, 714.16, ekwivalenti ghal Lm25, 635.89 u tikkundanna lil Michael Debono ihallas is-somma hekk likwidata bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------